MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 41/2002/1

**Josephine Vella**

**vs**

**Anthony Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi nhar l-ewwel (1) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Isuzu bin-numru LAW 737, fi Triq Papa Gwanni Pawlu it-Tieni, Victoria, Ghawdex, huwa habat mal-vettura tal-marka Nissan bin-numru tar-registrazzjoni DBE 219 propjeta’ ta’ l-attrici li kienet stazzjonarja fuq stop sign fuq l-istess triq.

Peress illi ghal dan l-incident jahti l-konvenut minhabba negligenza u imperizja tieghu.

Peress illi kawza ta' dan l-incident l-attrici garrbet danni fis-somma ta' mitejn u sebgha u tletin Lira maltin u hamsin centezmu (Lm237.50).

Peress illi l-attrici trid tigi kkompensata ghal dawn id-danni.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. Jhallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin Lira maltin u hamsin centezmu (Lm237.50) kif fuq dovuta.

2. Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja spedita fl-20 ta' Marzu 2002 u ta' l-ittra ufficjali spedita fis-26 ta' Marzu 2002. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li hija l-istess attrici li hija unikament responsabbli ghal dan l-incident, minhabba ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, velocita' eccessiva u negligenza u mperizja fis-sewqan taghha.

Illi ghalhekk il-konvenut ma hux responsabbli ghal kwalunkwe danni li l-attrici setghet soffriet konsegwenza ta' dan l-incident.

Bl-ispejjez inkluz dawk taz-zewg ittri nterpellatorji tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu ta' l-elfejn u tnejn (2002) u ta' l-ewwel (1) ta' April ta' l-elfejn u tnejn (2002)."

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici tat diversi verzjonijiet differenti dwar l-incident: fl-avviz tat-talba qalet li meta sehhet il-kollizjoni *kienet stazzjonarja fuq stop sign*(impittra fl-art). Fid-deposizzjoni taghha hija rrepetiet li kienet stazzjonarja meta sehh l-incident, izda qalet li kienet mhux fuq imma *hdejn l-istop sign indikat fl-iskizz*. Is-Surgent Anthony Schembri li rrediga l-iskizz u r-road accident report irrapporta fl-istess rapport illi l-attrici ma qalitx li kienet stazzjonarja, anzi hemm irraportat li *kont tiela' nsuq…..kont ghadni ma hrigtx minn fuq l-istop sign u kont 'l isfel mill-istop sign meta min-naha tax-xellug tfacca trakk ahmar ghaddej sparat minn quddiemi, hadni sbrixx ….* Is-surgent ikkwota wkoll in-notamenti li ha a tempo vergine, li jirrappurtaw il-kliem ezatt tal-attrici (fol 30 tal-process): *kont tiela' nsuq minn Triq Ghedrin biex nohrog, kont tiela nsuq minn Triq Ghedrin biex nohrog ghal Triq Sant'Ursula. Xeghelt l-indicator biex indur lejn il-lemin, kont ghadni ma hrigtx minn fuq l-istop sign.*

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut qal a tempo vergine li meta dar lejn Triq Ghedrin *min-naha ta' Ghedrin kien hemm karozza li baqghet hierga minn fuq l-istop sign u waqt li kont ghaddej minn quddiemha, tatni daqqa fuq wara u jien ilwejt l-isteering lejn ix-xellug biex nevitaha.* Din il-verzjoni ikkonfermaha wkoll meta xehed quddiem it-Tribunal: *rajt lil Josephine Vella gejja bil-mod. Jien bqajt ghaddej u hi baqghet miexja wkoll, imbaghad hbatna b'mod li kemm kemm messitni min-naha ta' wara tal-vettura tieghi.*

Illi l-attrici insistiet li l-konvenut kien qieghed isuq bi speed eccessiv. Dan huwa kontradett mhux biss mill-entita' minima tad-danni kkawzati bil-kollizjoni, imma wkoll mill-fatt illi l-konvenut waqaf prattikament minnufih wara l-kollizjoni, f'distanza ferm qasira, u kellu biss brake-mark wiehed twil zewg metri u nofs.

Illi hija d-drawwa ta' hafna sewwieqa, u l-attrici tidher li hija wahda minnhom, li ma jieqfux fuq stop-sign, imma jibqghu ghaddejjin minn fuqha, sia pure bi speed baxx hafna. B'danakollu, li 'stop signs' ma jsirux b'xi kapricc. Huma sinjali tat-traffiku regolatorji li jaghtu struzzjoni mandatarja: jordnaw lis-sewwieq biex **jieqaf.** [1] Skond il-pubblikazzjoni ufficcjali tad-Driving Standards Agency tar-Renju Unit, *Driving- The Essential Skills* (successur tal-Official Driving Manual) ir-Raba Edizzjoni, 2001, li stop signs is-soltu jitpoggew *at a junction with a limited zone of vision.* U jkompli hekk:

**What you must do at stop signs**

- *stop (even if you can see the road is clear)*
- *wait until you can enter the major road without causing other drivers to change speed or direction*

L-istess pubblikazzjoni tinsisti (pagna 91) wkoll li *'stop' and 'give way' signs appear at junctions and are very important for everyone's guidance and safety.*

Illi minn fejn harget l-attrici kien hemm mhux stop sign wahda, imma tnejn: l-ewwel wahda kienet tabella fuq it-traffic island indikata fl-iskizz esibit a fol 26 tal-process, u t-tieni wahda fil-forma ta' *road marking* ossia marka tal-karreggjata permezz tal-kelma *Stop* mizbugha b'ittri kbar hafna fl-art. Dawn saru minhabba l-konfigurazzjoni partikolari tal-lokalita', li tirrikjedi attenzjoni ferm ikbar mis-soltu ghas-sewwieq li jkun hiereg mit-triq sekondarja bhall-attrici. Ghalhekk l-attrici kellha l-obbligu li tieqaf <u>darbtejn</u>; l-ewwel darba mal-ewwel stop-sign sabiex tikkonsentixxi vetturi li jkunu jridu jghaddu minn Triq Papa Gwanni Pawlu II ghal Triq Ghedrin – kif ghamel il-konvenut – u t-tieni stop-sign cioe dik mizbugha fl-art hija ntiza sabiex min ikun hiereg bhall-attrici jesplora tajjeb it-triq u jaghti d-dritta ghat-traffiku li jkun ghaddej fl-imsemmija Triq Papa Gwanni Pawlu II. Issa l-attrici kellha vizwali cara tal-vettura tal-konvenut, u zgur li kellha taraha tixhel l-indicator u tikser bil-mod ghal Triq Ghedrin, u allura messha waqfet fuq l-ewwel stop-sign, u mhux

[1] Ara t-Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations, A.L. 65.05, Skeda ma' regolament numru 2

tibqa' hierga sat-tieni stop-sign. It-Tribunal ma jistax jaccetta li l-attrici kienet wieqfa qabel l-istop sign impittra fl-art, ghax *a tempo vergine* ma qalitx li kienet wieqfa. Dan it-tibdil ta' verzjonijiet, kif ukoll l-allegazzjoni inveritjera ghall-ahhar li l-konvenut kien qieghed isuq sparat, jimminaw sewwa l-kredibilita' tal-attrici.

Illi ghalhekk l-incident sehh unikament tort ta' negligenza fis-sewqan u ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici;

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attrici, bl-ispejjez a kariku taghha, u billi s-somma pretiza kienet inqas minn LM250, kull parti thallas lill-avukat patrocinatur taghha.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur